# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**IL-Pulizija**
**Spettur Lara Butters**

**kontra**

**Ashraful Islam**

06 ta' Jannar, 2024

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet fil- konfront ta'A**shraful Islam,** ta' 16 sena, Nazzjonalita Bangladesh, iben Kamal Hussen u Saira Begum, imwieled Shylet Bangladesh, nhar 29 ta' Dicember 2007, residenti gewwa Dar il-Liedna Fgura, u detentur ta' Numru tal-Puliizija 23D-013;

Talli fis- 06 ta' Jannar, 2024 u jew fil- jiem, gimghat jew xhur ta' qabel din id-data gewwa dawn il-gzejjer;

1. Kellhu f'idu Passaport, maħruġ minn awtorià kompetenti, jew li, ittrasferixxu dan il-passaport lil persuna oħra jew irċieva passaport li ġie ittrasferit lilu minn persuna oħra (Kap 61, Sec 3 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel użu jew ittanta li jagħmel użu minn Passaport maħruġ lil persuna oħra, cioé dak diġa imsemmi (Kap 61, Sec 4 tal-Liġijiet ta' Malta);

3. U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi tah prospet falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lil-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1c) tal-Liġijiet ta' Malta).

4. U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi, uża jew kellhu fil-pussess tieghu xi Passaport, li hu kien jaf li ġie iffalsifikat, imbiddel jew li sar xi tibdil fih (Kap 61, Sec 5 tal-Liġijiet ta' Malta);

5. U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi , għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokumenti oħra iffalsifikati (Kap 9, Sec 189 tal-Liġijiet ta' Malta);

6. U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi, mingħajr awtorità leġittima uża jew kellhu fil-pussess tieghu xi dokument, meħtieġ għall-finijiet ta' dan l-Att li jkun falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1)(f) tal-Liġijiet ta' Malta).

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ammissjoni tal- imputat fil- presenza tas- Social Worker Rocio Lopez Carmona;
Rat l-artikli fuq citati;
Rat l-atti kollha ul- provi u d-dokumenti kollha ezibiti;
Semghet it-trattazzjoni;

**Ikkunsidrat**

L-imputat intavola ammissjoni fi stadju bikri tal- procedurri. L-imputat hu minorenni.

**Decide**

Ghal dawn il- motivi l-Qorti tikkundanna lil Ashraful Islam ghal erba' (4) xhur prigunerija effettiva.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**